MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-6 ta' April, 2010

Avviz Numru. 387/2010

**3 A Malta Limited**

**vs**

**Stryyke Entertainment Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-kundanna tas-socjeta` ntimata ghall-hlas tas-somma ta' disat elef, disa' mija u wiehed u sebghin Euro, (€9,971.00), liema somma hija dovuta:**

**a) kwantu ghal sebat elef sitt mija u sebghin Ewro, (€7,670.00), skont rikjesta ta' pagament bin-numru 2011450 datata 31 ta' Mejju tas-sena 2009, (kopja dokument "A" hawn anness);**

**b) kwantu ghal seba' mija u sebgha u sittin Ewro, (€767.00), skont rikjesta ta' pagament bin-numru 2011669 datata 31 ta' Awwissu tas-sena 2009, (kopja document "B" hawn annessa);**
**c) kwantu ghal seba' mija u sebgha u sittin Ewro, (€767.00), skont rikjesta ta' pagament bin-numru 2011670 ukoll datata 31 ta' Awwissu tas-sena 2009, (kopja document "C" hawn annessa) u;**
**d) kwantu ghal seba' mija u sebgha u sittin Ewro, (€767.00), skont rikjesta ta' pagament bin-numru 2011671 ukoll datata 31 ta' Awwissu tas-sena 2009, (kopja document "D" hawn annessa), u dan kollu dwar servizzi professjonali rezi mis-socjeta` rikorrenti fuq inkarigu tas-socjeta` ntimata oltre ghal VAT relattiv kif indikat fl-istess rikjesti ta' pagament;**

**Bl-ispejjez tal-prezenti, komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja datata 18 ta' Awwissu tas-sena 2010, (vera kopja Dokument "E" hawn annessa), flimkien ma' l-imghaxijiet bl-oghla rata skont il-ligi mid-dati ta' hrug tar-rikjesti ta' pagament rispettivi sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra s-socjeta` ntimata u bl-ingunzjoni in subizzjoni taghha;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta` rikorrenti sabiex is-socjeta` ntimata twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta` ntimata naqset u ma dehritx, la fit-30 ta' Marzu tas-sena 2011 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta` ntimata Stryyke Entertainment Limited sabiex thallas is-somma ta' disat elef, disa' mija u wiehed u sebghin Ewro, (€9,971.00), lis-socjeta` rikorrenti 3 A Malta Limited;**

**Bl-ispejjez kif dedotti kontra s-socjeta` ntimata Stryyke Entertainment Limited.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------